CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 77

L-Erbgħa, 9 ta' April 2019

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joe Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.04pm.

**77.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

77.1.1 Ma kienx hemm ebda ittri ta' apoloġija

**77.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

77.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Erbgħa u Sebgħin, Ħamsa u Sebgħin (Urġenti) u Sitta' u Sebgħin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

77.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**77.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

77.3.1 Is-Sindku xtaq jirringrazzja lill-Kunsilliera, s- Sinjura Maryann Sultana ta' l-intervent tagħha ma' l-awtoritajiet konċernati biex seta' jsir it-tindif ta' Wied Gnien Ħira

77.3.2 Is- Sindku talab lis- Segretarju Ezekuttiv biex iġib kwotazzjoni biex titranġa il-kolonna tal-bir li jinsab fil-Pjazza tas- Sur.

77.3.2 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-applikazzjoni għal-manutenzjoni ta' Casino Notabile intbgħatet lid- Dipartiment għal Gvern Lokali fejn qed jingħataw fondi għal manutenzjoni ta' proġetti li kienu saru mill-Gvern Ċentrali.

**77.4 Rapport Finanzjarju għat-tlett xhur minn Ottubru sa Diċembru 2018**

77.4.2 Is-SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra għal approvazzjoni ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur minn Ottubru sa Diċembru 2018. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel l-laqgħa.

77.4.2 Il-Kunsill approva dan ir-rapport. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw ir-rapport finanzjarju biex juru li huwa dokument korrett.

**77.5 Medieval Mdina 2019**

77.5.1 Is- Sindku infurma lill-Kunsill bl-aħħar dettalji tal-perparamenti għal edizjoni li jmiss tal-Medieval Mdina.

77.5.2 Is- Sindku wera' d-dispjaċir tiegħu li għal din l-edizzjoni, ma ngħatawx jew aħjar ma sibniex bizzejjed koperazzjoni ta' sponsorships li ssservi bħala għajnuna biex wieħed ikun jista' jkopri l-ispejjez involuti għal dan il-festival li kulma qed jgħaddi kull sena dawn qed jizdiedu b'mod sostanzjali. Jidher li l-ammont ta' turisti li jiġu minn barra kif ukoll talbiet minn gruppi barranin biex jiġu apposta għal dan il-festival li sservi ukoll ta' pjattaforma kulturali mhux qed jiġi apprezzat u ta' dan huwa iddispjaċut ħafna.

Għalhekk b'dispjaċir u sortunatament huwa kien tal-fehma li din l-edizzjoni tkun l-aħħar waħda li ser tiġi mtella' għaliex il-flus li joħroġ minn ġewwa l-Kunsill ma jistax ikun sostennibbli aktar fejn ukoll dawn ir-rizorsi finanzjarji jistgħu jintuzaw aħjar biex intejbu l-kwalita tal-ħajja aħjar għar-residenti.

77.5.3 Is- Sindku kompla qal li fid-dawl tal-fatt li l-Kunsill irid joħrog il-flus minn ġewwa wara li tkellem mas- Segretarju Ezekuttiv fejn sar ezercizzju ta' bagit, huwa kien qed jipproponi li parti mill-fondi addizzjonali allokati mill-Gvern Ċentrali lill-Kunsill għal inizjattivi speċjali jintuzaw biex ikopru l-izbilanċ li ser ikun hemm fl-infieq fuq dan il-festival.

77.5.3.1 Dan il-proponiment ġie ssekondat mill- Viċi Sindku, Is- Sur Joseph Debono. Il-Kunsill approva il-proposta tas- Sindku.

**77.6 Rapporti, Ilmenti u ordniiet ta' Xogħolijiet**

76.6.1 Ittra mingħand is- Sur Owen f'isem Allied Rainbow Communities biex il-Kunsill jieħu inizjattiva favur il-komunita' LGBTQ bejn is- 6 u 15 ta' Settembru.

76.6.2 Talba għal-laqgħa minn NRGY Concepts Ltd għal Edizjoni li jmiss ta' L-International Food Festival. Il-Foss ta' L-Mdina. Il-Kunsill qed jitlob li din il-laqgħa ssir wara l-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali meta' jinħatar il-Kunsill l-ġdid.

76.6.3 Kwotazzjoni mingħand Synthesis Ltd biex jibda it-tħejjija għat-tfassil ta' tad-dokumenti għas-sejħa ta' offerti fuq il-knis gewwa l-Mdina kif ukoll tal-manutenzjoni tal-ġonna liema kuntratti ser jiskadu fl-aħħar ta'Settembru. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

76.6.4 Kwotazzjoni biex jinxtraw xi pine stakes u 30 pjanta metrosidoris biex jitħawlu fi Howard Gardens wara li dawn ġew distrutti b'mod vendikattiv. Il-Kunsill approva.

76.6.5 Kwotazzjoni mingħand AS Supplies Ltd għat-twaħħil ta' sinjali ta' avviz mal-bir li jinsab il-Pjazza tas- Sur. Il-Kunsill approva.

76.6.6 Is- SE rċieva email mingħand id- Direttorat tar-Restawr fejn il-Kunsill qed jiġi mitlub li biex jinħareġ il-permess għal faċilita' ta'waste management fit-terminal taz-zwiemel, il-Kunsill irid jidħol responsabbli li jara' u jiċċertifika li l-ħmieġ taz-zwiemel qed imur f'kontenituri tal-WasteServ u mhux qed jintrema' x'imkien ieħor.

76.6.6.1 Il-Kunsill f'dan ir-rigward jidhirlu li fid-dawl tal-fatt li huwa ma għandux kontroll fuq min minn liema kuċċiera f'Malta kollha ser jiffrekwentaw il-lokalita u juzaw is-servizzi tat-terminal għaliex ma hemx liġi f'Malta li tikkontrolla dan, il-Kunsill mhux ser jidħol responsabbli għal dawn il-kontenituri.

**77.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

77.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tad-9 ta' April 2019, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 20,046.96

77.7.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Mary Ann Sultana li kienet issekondata mill-Kunsilliera Camille Scerri. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**77.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-16.49pm u ġiet aġġornata għat-13 ta' Mejju 2019 fit-3pm

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 13-05-2019________